**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 2 ta' Marzu 2017**

**Pulizija**

**Spettur Roderick Agius**

**Vs**

**Ryan Debattista**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Ryan Debattista, iben Glenn u Theresa nee' Cordina imwieled il-Pieta' nhar it-13 ta' Jannar 1991 detentur ta' karta tal-identita 73791M, residenti 124, Chaffinch, Triq il-Wied, Mosta;

Talli fit-2 ta' Marzu 2017 u fil-jiem u xhur ta' qabel gewwa l-Mosta u f'dawn il Gzejer:

1) B'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti kiser l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi, b'risoluzzjoni wahda kiser il-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati, Malta, Magistrat Dr. Saviour Demicoli LL.D. li nghataw fit-22 ta' Jannar 2016;

2) Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija tirrevoka helsien mill-arrest tal-imsemmi Ryan Debattista w tordna l-Arrest mill-gdid tal-imsemmi mputat kif ukoll tordna li s-somma mposta fuqu bhala depozitu w bhala garanzija personali mposta mill-

istess Qorti jghaddu favur il-Gvern ta’ Malta kif stipulat fl-Artikolu 579(2)(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3) U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi kkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta’ sentenza ta’ sentejn prigunerija sospizi ghal-erbgha snin, mghotija mill-Magistrat Dr. Miriam Hayman LL.D. nhar it-22 ta’ Frar 2013;

4) U finalment akkuzat ukoll talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi rrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta wara li huwa ga gie misjub hati permezz ta’ diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma’ jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

**Ikkunsidrat;**

Illi mill-provi prodotti irrisulta li l-imputat naqas milli jiffirma l-ktieb tal-‘bail’ fl-ghassa tal-Pulizija tul perijodu konsiderevoli, addirittura ghal xhur shah, minghajr gustifikazzjoni u wara li nghata twissija mill-Pulizija. L-imputat ghandu jifhem x’inhu l-iskop tal-kundizzjonijiet ta’ helsien mill-arrest li jinghatawlu, u dawn ghandhom jigu osservati skrupolozament. Ma jidherx li l-imputat kien taht xi malintiz u ma fehemx il-gravita’ tal-ksur ta’ dawn l-istess kundizzjonijiet. Mill-fedina penali tieghu jidher car li hu midhla sew tal-operat tal-qrati ta’ gurisdizzjoni kriminali. Mill-banda l-ohra l-Prosekuzzjoni naqset milli tippresenta kopji tas-sentenzi moghtija fil-konfront tal-imputat, kemm ghall-finijiet tal-addebitu tar-recidiva, kif ukoll ghall-imputazzjoni ta’ ksur ta’ sentenza sospiza.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 579(2) u (3), 28A u 28B, 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ma ssibx lill-imputat hati tal-addebitu tar-recidiva, kif ukoll talli wettaq reat waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiza, u ghalhekk tilliberah minnhom.

Din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-ewwel akkuza kif dedotta mill-Prosekuzzjoni, u qieghda tikkundannah ghall-piena ta' sena (1) prigunerija.

Tirrevoka d-digriet tal-helsien mill-arrest preventiv moghti lill-imputat fit-22 ta' Jannar 2016, u ghalhekk tordna l-arrest mill-gdid tal-imputat.

Tordna l-konfiska favur il-gvern tal-ammont ta' tlitt elef u tlitt mitt Ewro (€3,300) moghtija bhala depositu u garanzija personali.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**